KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 70 – IT-TLIETA 2 TA' APRIL 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**70.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

70.1.1 Ma kienx hemm.

**70.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

70.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (69) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

70.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 70.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

70.3.1 Ma kienx hemm.

## 70.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

70.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-preżent, il-Kunsill qed jirċievi numru ta' ilmenti dwar il-proġetti li għaddejjin fit-toroq residenzjali fosthom Triq Stefano Erardi. Informa li hemm numru ta' residenti li qed jilmentaw minħabba trabijiet, dewmien esaġerat fix-xogħlijiet, u kien hemm min qed jilmenta fuq il-kwalità ta' xogħol ħażin speċjalment fejn jidħlu l-livelli tal-bankini. Is-Sindku informa li l-Uffiċċju kien qed jikkordina dawn l-issues mall-Perit assenjat fuq dan il-proġett.

L-istess diffikultajiet qed niltaqgħu magħhom fi Triq il-Ħarruba u Triq Ġużè Pesci fejn għaddejjin dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku żied jgħid li fi Triq il-Ħarruba hemm abbandun fejn il-kuntrattur ħalla ħafna materjali quddiem ir-residenzi u ħaddiema ' ftit li xejn fuq il-lant tax-xogħol. Din hija sitwazzjoni inaċċettabbli però l-Kunsill ma tantx għandu vuċi jew poteri biex iċaqlaq din it-telqa. L-*implementor* tal-proġett hija l-Aġenzija Infrastructure Malta u l-Kunsill jista biss jisma l-karba tar-resident u jwassalha lill-Perit responsabbli. Is-Sindku ikkonkluda li ser jibqa jsegwi x-xogħlijiet u ser jibqa jservi bħala konċiljatur bejn ir-residenti u l-Aġenzija IM.

70.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li rigward ix-xiri tal-electric van, il-Kunsill reġa kien mitlub mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex jerġa jissottometti d-dokumentazzjoni kollha rilevanti u stima oħra riveduta minn fornitur lokali għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Ministru biex ix-xiri tal-electric van ikun jista jsir b'kuntratt dirett. Sadattant qed ikompli jintilef aktar żmien sabiex issir l-ordni tax-xiri li skont l-informazzjoni li kiseb il-Kunsill, hemm perjodu ta' bejn ħames u disa xhur minn meta ssir l-ordni u jitħallas id-depożitu. Kienet ħasra li l-Kunsill tilef opportunità tad-deheb li sakemm il-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni tal-Ministru, intilef iċ-ċans li jinxtara *electric van* li kien disponibbli fis-suq. B'konsegwenza ta 'dan, il-Kunsill tilef l-opportunità li jibda joffri s-servizz lill-anzjani fl-immedjat.

70.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-preżent kien għaddej l-audit għas-sena finanzjarja 2023 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 70.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

70.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ikkummenta dwar l-inkonvenjenzi li qed ibatu r-residenti ta' Triq Stefano Erardi u t-toroq immedjati minħabba l-inkompetenza tal-kuntrattur. Filwaqt li jifhem li qed isir proġett kbir fejn qed jinbidlu s-servizzi u jingħata wiċċ ġdid bl-asfalt u anke għall-fatt li f'ċertu partijiet instabu xi fdalijiet arkeoloġiċi inkluż ġiebja Rumana skont il-Perit assenjat fuq dan il-proġett, iżda jidher biċ-ċar li l-kuntrattur mhuwiex miexi skont il-programm tax-xogħol għax kif tkellem is-sindku aktar qabel fil-komunikazzjoni tiegħu, bħal donnu l-id ix-xellugija ma tafx x'inhi tagħmel l-id il-leminija. Trabijiet, nuqqas ta' parkeġġ, nuqqas ta' aċċessibilità, komunikazzjoni ħażina mmens għaliex il-kuntrattur huwa ta' nazzjonalità barranija u hemm barriera tal-lingwa. Żied jgħid li dan il-proġett beda fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar u jidher li għadna ferm 'il bogħod biex naraw tmiem dan il-proġett.

Il-Kunsillier Zammit staqsa kif il-Kunsill jista jwassal dan il-messaġġ lill-Aġenzija biex jitħaffef ix-xogħol u l-kuntrattur jirrispetta li hemm tgħix komunità ta' nies li fil-preżent il-kwalità tal-ħajja tar-residenti hija waħda ħażina speċjalment għal nies vulnerabbli, nies li jbatu b'mard respiratorju, u nies li għandhom diffikultà ta' mobilità.

## 70.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

70.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-3 u s-27 ta' Marzu 2024 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (3 March - 27 March 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 50 | 13/03/2024 | Ilment regward il-makkinarju li hallew quddiem il-garaxx u ma jistax jużah fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi middle part | **Council/IM** |
| 51 | 13/03/2024 | Talba biex parking bay bejn żewġ garages issir mc bay għaliex b'karozza pparkjata qed isibu diffikulta' biex joħorġu mill-garages. | settled | 47 & 47a, Triq il-Wied | **Council** |
| 52 | 18/03/2024 | Hemm tajn li nġema' wara x-xita u ħaxix fi Triq GE Mercer | pending | 34, Triq GE Mercer | **Cleansing** |
| 53 | 18/03/2024 | Hemm palma mħawwla fuq bankina u qed tagħlaq l-istess bankina quddiem 92, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 54 | 18/03/2024 | Fi Triq il-Wied qed jipparkjaw coaches qabel iddur għal Triq Alfred Gerada. Ħafna drabi qed iħallu l-magna mixgħula għal tul twil ta' ħin. Ir-residenti ma' jistgħux joqgħodu fil-ġnien tagħhom ħabba exhaust. Biex jitranġaw il-parking bays u jsiru kaxxa mhux linja. | pending | Triq il-Wied | **Police** |
| 55 | 22/03/2024 | Ilment rigward bankina li qegħda ta' periklu għall-pubbliku fi Triq G Abos ftit l-isfel mill-Maypole | pending | Triq G Abos | **Council** |
| 56 | 23/03/2024 10:15 | Ilment dwar li m'hemmx Health & Safety fi Triq G Pesci lejl u nhar, resurfacing of road. | pending | 13,Triq G Pesci | **IM** |
| 57 | 23/03/2024 | (2) stop cock covers broken infront 71, Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **WSC** |
| 58 | 26/03/2024 | Hemm arblu tad-dawl immejjel fi Sqaq il-Ħwawar | pending | Sqaq il-Ħwawar | **Enemalta** |
| 59 | 27/03/2024 | Ilment li hemm żewġ settijiet ta' Zebra Crossing mingħajr dwal fi Triq il-Wied. Dawn qegħdin ta' periklu għal min ikun irid jaqsam meta jidlam | pending | Triq il-Wied | **Council** |

## 70.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

70.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

70.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

70.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Bernice Caruana, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

1. Il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż kollha assoċjati mal-attività kulturali annwali bix-xiri ta' oġġetti/servizzi tal-attività Festa Fjuri li ser tittella nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024.

2. Il-Kunsill awtorizza s-servizz ta' konsulenza mill-fornitur ADI Associates biex jiġi ppreparat rapport biex jiġi sottomess lill-Awtorità ERA bħala tweġiba għall-abbozz ta' leġiżlazzjoni 'Environmental Permitting Regulations 2024 għall-ħlas ta' Eur1,062.00 VAT inkluż;

**70.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

70.8.1 Applikazzjoni PA 2124/24 – Skyfall, Block B, Flat 7, Triq Guze' Muscat Azzopardi, Iklin 'To construct splash pool and planters at roof level, above existing setback floor. Application includes placing solar panels at same level'

70.8.2 Applikazzjoni PA 02054/24/24 '22, ' Planitia', Triq Anton Manuel Caruana, Iklin 'Description of proposal: Demolition of existing dwelling. Excavation of basement level. Construction of a new basement level, 5 apartments from ground floor to fourth floor and garden roof floor, construction of one pool at roof floor and installation of solar panels'.

**70.9 Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiiet aktar nodfa SPI/SCI/03/2024**

70.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li d-Direttorat kien ħareġ skema għal lokalitajiet aktar nodfa.

Din l-inizjattiva qed tiġi mnedija bħala parti mill-World Clean up Campaign li ssir kull sena madwar id-dinja. Din it-tema tgħaqqad miljuni ta' voluntiera, gvernijiet u organizzazzjonijiet f'kull pajjiż biex jindirizzaw il-problema globali tal-iskart u jibnu dinja aktar nadifa, ekoloġika u aktar b'saħħitha.

Kull Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa' massimu ta' €1,500 inkluż il-VAT. Is-Sindku informa li l-Kunsill dejjem ħa sehem f'din l-inizjattiva ambjentali u jixtieq li l-Kunsill jerġa jimpenja ruħu għal din is-sena minkejja li l-leġiżlatura waslet fit-tmiem tagħha u d-deċiżjoni ta' dan il-Kunsill ser tkun qed tobbliga lill-Kunsill elett f'Lulju li ġej biex jaħdem fuq din l-attività.

70.9.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku biex japplikaw għal din l-iskema.

70.9.3 Il-mozzjoni ġiet approvata nem con.

**70.10 Aġġornament dwar proġetti infrastrutturali fl-Iklin**

70.10.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li hemm diversi issues li qed jinkwetawh dwar il-proġetti li qabdu kollha f'salt fl-Iklin. Informa li fil-bidu inizjali tal-proġett, kollox kien miexi tajjeb u r-ritmu tax-xogħlijiet kienu għaddejjin b'mod tajjeb. Però mall-ħin, il-kuntrattur li qed jaħdem fuq Triq il-Ħarruba u Triq Stefano Erardi jidher li naqqas mill-performance tiegħu għaliex f'daqqa waħda, l-istess residenti qed jilmentaw dwar numru ta' nuqqasijiet. Kif spjega fil-komunikazzjoni tas-Sindku, jifhem li l-proġett joħloq ċertu nkonvenjent minħabba trabijiet, nuqqas ta' aċċessibilità eċċ iżda l-aktar li qed tiffrustra r-resident hija li l-kuntrattur bħal donnu abbanduna x-xogħlijiet. Ġranet sħaħ matul dan l-aħħar ġimgħat ma kien qed ikun għaddej xogħol xejn mill-kuntrattur b'mod li r-resident huwa ferm irrabjat bis-sitwazzjoni.

Il-komunikazzjoni tal-Kunsill hija limitata biss mall-Perit assenjat fuq dan il-proġett iżda dan tal-aħħar bħal donnu mhux qed jaċċetta l-indħil tal-Uffiċċju. Il-Kunsill huwa fid-dmir li jwassal l-ilmenti tar-residenti lill-Perit għaliex ir-residenti lill-Kunsill jafu. L-isfortuna hija li l-Kunsill m'għandux il-kontroll assolut tal-proġett u għaldaqstant ma tantx jista jagħmel iktar minn dak li qed jagħmel. F'dawn l-aħħar jiem, l-ispezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill kienu kostanti b'rappreżentanza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiltaqgħu fuq il-post mar-residenti biex jaraw il-progress fix-xogħlijiet u jwasslu l-ilmenti tar-residenti lill-Perit għal miżuri ta' korrezzjonijiet.

Sintendi l-Kunsill joqgħod fuq il-pariri tekniċi tal-Perit iżda ċertu osservazzjonijiet huma evidenti u s-sens komun jipprevali.

Is-Sindku ikkonkluda li fiż-żmien li ġej se jkun qed isegwi mill-qrib kif ser jiżviluppaw l-affarijiet biex fil-każ jitlob laqgħa urġenti ma' CEO tal-Aġenzija Infrastructure Malta biex jagħtina bid-dati tat-tmiem tal-proġetti fl-Iklin.

**70.11 Aġġornament dwar Festa Fjuri 2024**

70.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li t-tema għall-edizzjoni ta' din is-sena ġiet magħżula 'Nilqgħu in-natura bil-fjuri' fuq rakkomandazzjoni tas-Sur Alfred Baldacchino, ambjentalist.

Is-Sindku informa li x-xogħol kien għaddej ġmielu fuq l-attività fejn preżentement qed isiru numru ta' kuntatti biex l-attività tkun waħda varjata.

Ġew ikkonfermati l-ordni tal-fjuri minn fornitur lokali fejn minħabba l-prezz, il-kwantità tax-xitel tal-petunia kellu jiġi ridott għal 7,000 xitla minn 10,000 kif kellna fl-edizzjoni 2023.

Is-Sindku stqarr li għal din l-aħħar attività kulturali qabel tmiem din il-leġiżlatura, jixtieq li jara lill-komunità sħiħa tingħaqad flimkien għal din l-attività biex niċċelebraw flimkien Festa Fjuri, il-Festa tar-raħal, il-festa li tgħaqqad lil din il-komunità ħelwa tal-Iklin. Dak hu il-qofol wara dan l-avveniment li naraw konkorrenza sabiħa fil-ġurnata tas-Sibt filgħodu fejn flimkien mal-għaqdiet tal-lokal niddedikaw ftit ħin nissoċjalizzaw, nisimgħu taħdidiet interessanti dwar in-natura, u dwar suġġetti oħra ta' interess fosthom l-użu tal-ħwawar u l-benefiċċji tagħhom. Sintendi biex noħolqu atmosfera ta' festa, ser terġa tiġi mistiedna l-Għaqda Mużikali San Pio X biex tferraħ lill-pubbliku.

Għal sena oħra, se jerġa jkollna magħna lid-Dar tal-Providenza biex inħeġġu lir-residenti sabiex jiġu jżuru l-istand tagħhom bil-għan li ngħinu lil din id-Dar li hija għal qalb kull Malti u Għawdxi biex tibqa ssib is-sostenn neċessarju għal ħutna l-Maltin residenti fid-Dar tal-Providenza.

Fil-preżent qiegħed f'taħdidiet biex nagħlqu Festa Fjuri bil-kbir b'kunċert taħt it-tinda. Aktar informazzjoni u dettalji jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

Is-Sindku ikkonkluda billi rringrazzja lill-għaqdiet tal-lokal li matul dawn l-aħħar snin, il-Kunsill dejjem sab l-appoġġ sħiħ bil-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom.

Aġġornament ieħor dwar aktar żviluppi jingħataw fis-seduta skedata għal nhar it-30 ta' April.

**70.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

70.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2024 fil-5.30 p.m.

70.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2024 fil-5.30 p.m.

70.12.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-7.10 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv